MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2004

Rikors Numru. 18/2001/1

***Vincenza Zammit f'isimha u bhala mandatarja ta' ohtha Carmen Muscat mart Anthony, Mary Galea mart Peter, u Anthony Zammit, ilkoll eredi ta' missierhom Carmelo Zammit***

***vs***

***Merchants International Limited***

Il-Bord,

Ra <u>r-rikors</u>

Illi huma jikru lill-intimati nomine l-hanut fin-numru tletin (30) Old Theatre Street, Valletta, bil-kera ta'mija u tnejn u tmenin lira u hamsin centezmu (Lm182.50) kull sitt xhur, pagabbli bil-quddiem u bl-ewwel skadenza tavvera ruhha fl-ewwel (1) ta' April, 2001.

Illi l-intimati nomine huma moruzi fil-hlas tal-kera u naqsu li jhallsu l-kera kif trid il-ligi fl-okkazjoni ta' aktar minn zewg skadenzi. Difatti huma ghandhom jaghtu ghal tliet skadenzi mill-1 ta' Ottubru 1999 sal-31 ta' Marzu 2001 nonostante li wara kull skadenza saritilhom it-talba ghall-hlas.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitolbu li dan il-Bord joghgbu jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-hanut numru tletin (30) Old Theatre Street, Valletta, fi tmiem il-lokazzjoni korrenti, u jaghti lill-intimati nomine zmien perentorju biex jirrilaxxjaw l-istess fond ghaf-favur tar-rikorrenti.

Ra r-risposta

Illi d-domanda rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-esponenti ma rcieva ebda talba ghall-hlas ta' kera. L-esponenti ghal kull buon fini jirrileva illi r-rikors promotorju lanqas ma gie notifikat kif tirrikjedi l-ligi billi thalliet f'idejn Josephine Mercieca mart l-esponenti legalment separata minnu.

Illi inoltre l-esponenti offra li jhallas l-kera pero' r-rikorrenti ingustament irrifjutat li tirceviha tant li l-esponenti kien kostrett li jiddepositha l-Qorti (Dok "A" – kopja tac-cedola relattiva u Dok "B" kopja tal-ircevuti relattiv tal-Qorti).

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbal.

Ikkunsidra,

1. L-intimat Mark Mercieca fit-twegiba tieghu jghid li:

:Ghal kull buon fini jirrileva illi r-rikors promotorju lanqas ma giet notifkat kif tirrikjedi l-ligi billi thalliet f'idejn

Josephine Mercieca mart l-esponenti legalment separata minnu”.

2. Huwa minnu li r-rikors thallas f’idejn Josephine Mercieca (fol 5 t). Ma jirrizulta minn imkien li l-intimat hu legalment separat. Zgur li r-rikors gie mghoddi lilu u ressaq twegiba fid-19 ta’ Gunju 2001. Ghalhekk din ‘l-eccezzjoni’ qed tigi michuda.

3. B’ittra tal-15 ta’ Mejju 2000 l-intimat gie interpellat biex ihallas ta’ zewg skadenzi kera:

| | | |
|---|---|---|
| 30 ta’ Settembru 1999 | - | Lm182.50 |
| 31 ta’ Marzu 2000 | - | Lm182.50 |
| | Total | Lm365.00 |

L-intimat b’cekk tal-25 ta’ Mejju hallas ta’ skadenza wahda (Lm182.50). Kienu ghaddew aktar minn hmistax-il jum mill-interpellazzjoni u barra dan is-sid ghandu jedd ghal kera kollha. Ic-cekk gie mibghut lura lill-intimat fl-istess jum (fol 19).

4. B’ittra tas-16 ta’ Ottubru 2000 l-intimat gie interpellat mill-gdid ghaz-zewg skadenzi imsemmija kif ukoll ghal iskadenza 1 ta’ Ottubru 2000 – 31 ta’ Marzu 2001.

5. L-intimat fis-6 ta’ April 2001 iddepozita l-kera tat-tlett skadenzi taht l-awtorita’ tal-Qorti.

6. Ir-rikors gie prezentat fit-2 ta’ Marzu 2001 u l-intimat wara diversi tentattivi gie notifikat fil-5 ta’ Gunju 2001 bil-mod imsemmi fil-paragrafu 2 ta’ din is-sentenza.

7. L-intimat jghid li l-ittri rregistrati ma rcevihomx u li l-firem fuq il-kartuna r-roza ma’ humiex tieghu.

8. In re ‘Vella vs Caruana’ (5/6/59, Vol XLIII-1-281) l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell qalet li

“il-fatt li l-lokatur ikun bghat ittri registrati bil-posta lill-inkwilin b’talba ghall-hlas tal-kera mhux prova konkluziva illi l-interpellazzjoni tkun fil-fatt saret lill-inkwilin. Avolja jigi

pruvat li l-ittri gew registrati, u avolja jkun hemm ricevuta inizzjalata mill-postman li turi, skond il-kors ordinarju tad-dmirijiet tieghu, li l-ittri rregistrati gew konsenjati lid-destinatarji taghhom, ikun hemm prezunzjoni qawwija li l-ittri wasli ghand id-destinatarju, izda jibqa' dejjem li dan jista' jipprova l-kuntrarju".

9. Issir referenza ukoll ghas-sentenza "Borg et vs Bartolo" (App. Inf 25/6/80) fejn intqal li "proof of postage is proof of delivery".

10. Dwar l-ewwel interpellazzjoni jinghad li fuq il-karta r-roza hemm zball. Id-data 15/04/00 trid tigi 15/05/00 (qabbel iz-zewg dokumenti a fol 17), affidavit a fol 15, ittra a fol 16). L-interpellazzjoni kienet ghal zewg skadenzi u l-intimat hallas ghal wahda. L-ittra intbghatet lill-intimat fuq il-fond 'de quo'. F'dan il-kaz tregi l-prezunzjon fuq imsemmija.

11. It-tieni ittra intbghatet lill-intimat fuq indirizz iehor "Bolbi, Merchants Street, Valletta". Dan l-indirizz la hu l-post tax-xoghol u lanqas ir-residenza ta' l-intimat. Lanqas hu wiehed imsemmi fuq wara tar-rikors (fol 1, t).

12. L-intimat jghid li l-kera giet rifjutata 'l-ewwel darba' <u>….fl-ahhar ta' Marzu tas-sena l-ohra (2001)</u> u hu ddepozita fis-6 ta' April 2001 il-kera ghall-perijodu 1 ta' Ottubru 1999 – 31 ta' Marzu 2001. Ghaliex ma kienx hallas l-iskadenzi ta' <u>qabel fi zmienhom</u>? Lanqas isemmi c-cekk li kien intbaghtlu lura u li zgur ircieva tant li l-kera msemmija fic-cekk giet depozitata l-Qorti flimkien ma skadenzi ohra.

13. Ma jirrizultax fejn ir-rikorrenti baghtet lura c-cekk tal-25 ta' Mejju 2000 li fuqu hemm l-isem ta' certu Alexander Mercieca.

14. Minkejja l-imgieba ta' l-intimat fil-hlas tal-kera jibqa' dubju dwar it-tieni interpellazzjoni, jigifieri jekk din gietx f'idejn l-intimat mhabba l-indirizz imnizzel fuqha. Skond il-gurisprudenza dan id-dubju ghandu jmur favur il-kerrej (ara 'Zammit Tabone et vs Valletta et', App. Civ 12/12/69).

Billi ma giet pruvat li l-intimat hu moruz skond il-ligi specjali, l-Bord jichad it-talba tar-rikorrenti; imhabba c-cirkostani fuq imsemmija l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------